A.L. 108 ta' 2001

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(KAP. 356)

Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regola 11 tat-Tielet Skeda ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-Regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli.

(2) Dawn ir-Regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2001.

Drittijiet li jitħallsu għall-appelli.

2. Id-drittijiet li għandhom jitħallsu skond ir-regola 11 tat-Tielet Skeda ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji fuq appelli għandhom ikunu ħamsin liri.